MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 151/2012

**UDS Ltd C31047**

**vs**

**Victor Gauci ID 894649M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li s-Socjeta' Attrici qed titlob minghand il-Konvenut il-hlas ta' elf, mitejn, wiehed u tmenin Ewro u hmistax-il centezmu (€1,281.15c) bilanc ghal servizzi u xoghlijiet ta' bibien fil-fond 37, Triq Ta' Brag.

Ir-RISPOSTA mressqa hi hekk:-

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni skond tal-art. 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta

2. L-ammont mitlub mhux dovut ghax thallas kollox.

**Ra** li b'sentenza preliminari tat-18 ta' Gunju 2014 giet michuda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u issa jonqos li jigi mistharreg il-mertu. Hawn jigi notat li l-partijiet ma

ressqu ebda provi ohra oltre dawk li ga kellu f'idejh it-TRIBUNAL qabel nghatat is-sentenza preliminari msemmija.

II PROVI

1. Fl-ewwel lok jigi osservat li din il-kawza giet intavolata fit-2 ta' Marzu 2012 u l-konvenut gie, skond riferta pozitiva *a fol* 4 *terg on* fil-15 ta' Marzu 2012. Il-fattura esibita hi datata 12.11.2008.

2. **Simone Bajada** xehdet (udjenza tas-26 ta' Marzu 2013) li kien ilha tahdem bhala skrivana mas-socjeta' attrici hdax-il sena. Taf li l-konvenut kien cempel biex ibiddel il-*panels* tal-bieb tal-garaxx li kellu u jaghmel mutur. Ziedet: "Jien kont bghattlu *invoices* u *statements* rigwardanti l-pagament izda l-hlas ma sarx. Cempiltlu u qalli biex nibghatlu l-kont sabiex ihallas indirizz iehor, sabiex ikun jista jhallas izda xorta l-hlas ma sehhx". Din it-telefonata saret fl-2011.

3. **Marco Attard** qal li hu kien mar fil-fond tal-Konvenut biex jiehu l-kejl sabiex isiru panelli mill-gdid. Il-panelli ma wahhalhomx hu u "mill-karti tas-sinjur naf li kien hemm ukoll mutur imma nerga nghid li la l-mutur u la l-panelli ma wahhalthom jien".

4. **Victor Gauci**, konvenut (xehed fl-udjenza tas-26.03.2013) qal li x-xoghol kien sar xi erba snin u nofs qabel. Minn dak iz-zmien qatt ma rcieva ebda ittra ufficjali mill-Qorti. "Jien ghalija il-bieb hallastu kollu u l-flus kont tajthom lill-haddiema u kont hallast lill-haddiema fi flus kontanti. Jiena naf li s-segretarja tas-socjeta' qalet li cemplitli u skond hi ghidtilha biex tatini ftit cans u diskors ta' dan it-tip izda jiena nghid li meta hi cemplitli jiena l-unika haga li ghidtilha li jiena kont hallast is-somma kollha.

5. Kontro-ezaminat, il-konvenut qal li l-haddiema li lilhom hallas kienu qalulu li ser jibghatulu ricevuta imma din ma gietx. Lil dawn il-haddiema ma jafhomx. Meta gie osservat lill-konvenut li fil-fatt, wara li sar ix-xoghol intbaghtitlu l-*invoice* qal "Jiena ma niftakarx ezatt imma safejn naf jiena l-haddiema kellhom *envelope* bl-*invoice* maghhom u jien hallast fuq dak l-ammont tal-*invoice*".

Jigi notat li b'Nota prezentata fis-17 ta' Marzu 2014 is-Socjeta' Attrici esibiet kont dettaljat in sostenn tal-pretensjoni taghha.

III KONSIDERAZZJONIJIET

Il-Konvenut qal li hallas u ma kellu jati xejn. Issa hawn wehedha tohrog l-osservazzjoni jew il-mistoqsija: x'ghandu x'juri? *Quantum* ta' elf, mitejn, wiehed u tmenin Ewro u hmistax-il centezmi (€1,281.15c) mhux ammont li titilqu minn idejk u la ghandek ricevuta u anqas xi prova ta' hlas permezz ta' cekk jew mod'iehor. Li ntbaghtet l-*invoice* mhux michud. Hu inverosimili li l-Konvenut hallas lill-haddiema (li ma jafhomx!) u "safejn naf jiena l-haddiema kellhom *envelope* bl-*invoice*

maghhom u jien hallast fuq dak l-ammont tal-*invoice*". It-TRIBUNAL joqghod fuq il-provi mressqa mis-Socjeta' Attrici.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) **jichad** it-tieni eccezzjoni tal-Konvenut (2) **jilqa** t-Talba Attrici (3) **jikkundanna** lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta' Attrici l-*quantum* mitlub ta' elf, mitejn, wiehed u tmenin Ewro hmistax-il centezmi (€1,281.15c) u dana bl-imghax mill-15 ta' Marzu 2013 sal-jum tal-pagament effettiv (4) **jikkundanna** lill-Konvenut biex ihallas l-ispejjes kollha ta' dina l-kawza inkluzi dawk dwar is-sentenza *in parte* tat-18 ta' Gunju 2014.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------